

# IL-LIWJATAN

*Noel Muscat ofm*

Il-profeta Isaija, fis-sezzjoni hekk imsejħa "Apokalissa ta' Isaija" (Is 24-47) jitkellem dwar dragun primordjali li hu jsejjaħlu Liwjatan: "F'dak il-jum jikkastiga l-Mulej bix-xabla qalila, kbira u qawwija tiegħu lil Liwjatan, is-serp ħafif, lil Liwjatan, is-serp jitkagħweġ; joqtol id-dragun li hemm fil-baħar" (Is 27,1). Din il-figura misterjuża tissemma diversi drabi fil-Bibbja, b'tifsiriet differenti.



Fil-vers li kkowtajna Isaija jitkellem mill-qerda ta' żewġ mostri, il-Liwjatan u "d-dragun li hemm fil-baħar." Jidhru li dawn iż-żewġ mostri huma simboli tad-diżordni u l-kaos li kien hemm fl-ilmijiet ta' qabel il-ħolqien. Huma marbutin mal-Baħar, li fil-Bibbja hu dejjem simbolu tat-taħwid u ta' elementi misterjużi. Il-poplu Lhudi qatt ma kien poplu li jbaħħar, b'differenza mill-Feniċi, u għalhekk għal-Lhud il-baħar kien realtà li tbeżża'.

L-istess profeta Isaija juri din il-mentalità meta jikteb: "Mhux int kont li għamilt bċejjeċ lil Raħab, li niffidt id-Dragun? Mhux int li nixxift il-baħar, l-ilma tal-abbissi l-kbar? Mhux int li għamilt triq fl-ibħra, biex jgħaddu l-mifdija?" (Is 51,9-10). L-isem Raħab ifisser "dak li joħloq it-tempesta". Hu l-mostru tal-kaos (Ġob 9,13) jew inkella hu simbolu tal-Eġittu (Is 30,7). Id-Dragun jissejjaħ ukoll Tannîn, u hu assoċjat mas-serpent tal-oriġini (Ġob 7,2) jew mal-Fargħun (Eżek 29,3). Il-Baħar, li bil-Lhudi jissejjaħ Yám, hu l-oċeanu primordjali (Ġob 38,8), jew anke l-Baħar tal-Qasab (Eż 14,2). L-abbiss jissejjaħ Tehôm, u hu riferiment għall-abbiss primordjali tal-ilmijiet f'Ġen 1,2, jew inkella l-qiegħ tal-Baħar tal-Qasab li fih għerqu l-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu (Is 63,13).

Il-fatt li dawn il-mostri jiġu meqrudin bil-vjolenza juri qabel xejn li Alla hu dak li hu s-sid tal-ħolqien. Fil-fatt, fil-mitoloġija Kangħanija u Babiloniża, dawn il-mostri huma meqrudin biex mill-kaos tkun maħluqa dinja li fiha l-bnedmin ikunu jistgħu jgħixu u jiġu mħarsa. Hemm diversi siltiet fit-TQ li jitkellmu mir-rebħa divina fuq il-qawwiet tal-kaos primordjali: fuq il-Liwjatan (cf. Salm 74,14; 104,26; Ġob 3,8; 26,13), jew fuq id-Dragun (cf. Is 51,9; Salm 74,13; Ġob 7,12; Ġer 51,34).

Il-Liwjatan ġie li jissejjaħ Lotan fil-poeżiji ta' Ugarit





(seklu 14 q.K.), fejn jidhru wkoll l-appellattivi tiegħu ta' serp li jarmi n-nar u serp jitkagħweġ. Fil-Profeta Għamos id-dragun li hemm fil-baħar jiġi ppreżentat bħala serp kbir: "Jekk iħaffru f'Qiegħ l-Art, minn hemm taħtafhom idi; jekk jitilgħu fis-smewwiet, minn hemm inniżżilhom; jekk jinħbew fuq il-quċċata tal-Karmel, hemm infittixhom, u minn hemm naqbadhom; u jekk jinħbew minn quddiem għajnejja f'qiegħ il-baħar, nordna lis-serp jigdimhom" (Għam 9,2-3).

Dawn is-simboli tal-kaos primordjali jistgħu wkoll jirreferu għall-qawwiet tad-dinja, l-aktar dawk li kienu jaħkmu fuq il-poplu ta' Israel biex jgħakksuh. Fil-Ktieb ta' Ġob insibu x-xebh bejn il-Liwjatan bhima kbira bħall-ippopotamu, u l-kukkudrill, li hu rettili tal-biża' u li fil-Bibbja hu ta' spiss assoċjat mal-Eġittu, fejn kien jgħix bi kwantità fix-xtut tax-xmara Nil: "Ħares issa lejn l-ippopotamu li jien ħlaqt bħalma ħlaqt lilek; ħaxix jiekol dak bħall-baqar. Iżda x'saħħa għandu f'ġenbejh! Fil-muskoli ta' żaqqu l-qawwa tiegħu. Denbu iebes daqs iċ-ċedru, l-għeruq ta' koxxtejh mibruma. Għadmu kanen tal-bronż, u l-kustilji vireg tal-ħadid. Hu l-aqwa fost l-opri ta' Alla, min għamlu biss jista' għalih; l-għoljiet iġibulu l-għelejjel tagħhom, hemm jitliegħbu l-bhejjem selvaġġi. Hu jimtedd taħt is-siġar tas-seder, jinħeba qalb il-qasab u fl-għadajjar. Ikollu d-dell mill-weraq tas-seder, u ż-żafżâf tal-wied idur miegħu. Jekk tfur ix-xmara ma jistaramx, lanqas jekk jogħla sax-xifer il-Ġordan. Min sa jaqbdu minn għajnejh, u min jigganċjah minn imnieħru? Xi ngħidu mbagħad għall-kukkudrill? Se taqbdu inti b'sunnara, jew torbotlu f'ħabel ilsienu? Se tgħaddilu lenza minn imnieħru, jew tinfidlu b'ganċ ix-xedaq? Se joqgħod jittallab ħniena mingħandek, jew ifissdek bi kliem mieles? Taħseb int li jintrabat miegħek, biex joqgħodlok b'qaddej għal dejjem? Se tilgħab bih bħal għasfur, u torbtu għall-bniet iż-żgħar tiegħek? Se jiftiehmu fuq prezzu s-sajjieda, u jitqassam lill-bejjiegħa? Timlielu int bil-vleġeġ ġildu, jew rasu bil-foxxni? Ipprova midd



idek fuqu; tibqa' tiftakar it-taqtigħa, u darb'oħra ma terġax" (Ġob 40,15-32).

Dawn ix-xbihat kollha tat-TQ jirreferu għal kreatura li hi simbolu ta' taħwid u ta' ribelljoni kontra Alla u konta l-ordni fil-ħolqien. Kif għidna, hu l-baħar simbolu tal-kaos primordjali, li fih jgħix dan is-serpent terribbli tal-oriġini, li jissejjaħ Liwjatan jew Levjatan. Hekk naqraw fis-Salm 104,25-26: "Dan il-baħar ta' kobor u wisa' bla tarf, li fih jimraħ ħut bla għadd; bhejjem żgħar u bhejjem kbar. Id-dgħajjes jimxu fuq il-mewġ tiegħu, fih jitliegħeb il-Levjatan, li int għamilt."

Għalkemm il-Bibbja tiddependi minn immaġini li kienu jinstabu fil-letteratura ta' kulturi oħrajn antiki tal-lvant nofsani, imma l-iskop tagħha hu dejjem dak li turi kif Alla hu s-sid tal-ħolqien, kif Hu jġib ordni fil-ħolqien biex jipproteġi lill-bniedem u lill-ħlejjaq l-oħra, u kif il-qawwiet tal-ħażen u tad-diżordni, simboleġġjati minn bhejjem bħas-serp jitkagħweġ, il-kukkudrill, jew ukoll id-dragun (figura mitoloġika), jiġu mirbuħin mill-qawwa divina, anzi joqogħdu għall-ordnijiet ta' Alla.

Is-sens teoloġiku ta' dawn ix-xbihat orribbli jidher imbagħad fil-letteratura apokalittika, fejn ta' spiss insibu riferimenti għal bhejjem mitoloġiċi u draguni, li jidhru bħala strumenti tal-qawwiet infernali u djaboliċi, li jiġġieldu kontra s-saltna ta' Alla. Hekk fil-kapitlu 7 tal-Profeta Danjel 7,2-3 insibu riferiment ieħor għall-bhejjem feroċi li jitilgħu mill-baħar: "Kont qiegħed inħares f'dehra li kelli bil-lejl, u ara, l-erbat irjieħ tas-sema bdew iqanqlu l-baħar il-kbir; u mill-baħar ħarġu erba' bhejjem kbar."

Fit-TĠ id-dehra tal-bhejjem tal-biża' hi evidenti fil-Ktieb tal-Apokalissi, li jiddeskrivi l-ġlieda bejn is-saltna ta' Kristu u tal-magħżulin tiegħu u l-qawwiet tal-ħażen, simboleġġjati mid-Dragun u mill-bhejjem li jaqduh, u li huma ppreżentati bħala parodija djabolika tat-Trinità. L-aktar xbieha magħrufa hi dik tad-Dragun fil-kapitlu 12: "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha ... Mbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar, b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu. U b'denbu kines waħda mit-tlieta tal-kwiekeb tas-sema u waddabhom lejn l-art. U d-Dragun mar qagħad quddiem il-Mara li kienet

se tiled, biex kif tiled lil binha jibilgħu" (Apok 12,1.3-4).

Id-Dragun infernali li jrid jeqred in-nisel tal-Mara hu simbolu tax-Xitan li jrid jaħtaf lil Kristu u jippersegwita lill-Knisja, simboleġġjata mill-Mara li tiled it-tifel. Din ix-xbieha hi riferiment għall-istorja kollha tas-salvazzjoni, li dejjem kienet espressjoni tal-ġlieda qalila bejn Alla u l-qawwiet tal-ħażen li jridu jieqfu lill-pjan tiegħu fil-ħolqien. B'hekk anke fit-TĠ insibu żvilupp qawwi tal-figura tal-Liwjatan, is-serp primordjali, li din id-darba jieħu isem u identità:

"Mbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħlbu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema. U kien imwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab għal fuq l-art, u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu. U smajt leħen qawwi fis-sema jgħid: 'Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa, u s-Saltna ta' Alla tagħna, u s-setgħa tal-Messija tiegħu, għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna. U huma ħarġu rebbieħa fuqu permezz tad-demm tal-Ħaruf u bis-saħħa tal-kelma li xehdu, u ma għożżewx ħajjithom, minkejja saħansitra l-mewt. Għalhekk ifirħu, smewwiet, u intom li tgħammru fihom. Ħażin għalikom, art u baħar, għax fikom niżel id-Demonju, b'korla kbira fuqu, għax jaf li żmien ftit baqagħlu'" (Apok 12,7-12).

Ir-realtà tal-ħażen mhijiex invenzjoni fil-Bibbja, minkejja l-fatt li l-Bibbja tuża immaġini mitoloġiċi u terribbli. Hi r-realtà tal-ġlieda biex tinżel fostna s-saltna ta' Kristu, Dak li rebaħ lis-serp infernali fuq is-salib tiegħu, u li hu s-Sid tal-ħajja li tirbaħ il-mewt.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

# TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2020

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2020


Pellegrinaġġi Franġiskani 2020
Art Imqaddsa 8 ljiem
09 - 17 Lulju
06 - 14 Awwissu
03 - 11 Settembru
Art Imqaddsa Extra
03 - 13 Novembru
Assisi
20 - 28 Ġunju
10 - 18 Ottubru
DOMINI
NVNTIAVIT
MARIAE
ET HABITAVIT
Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt